MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 67/2004

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u disghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm490.76), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21344272 (CN101250PO) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 31, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A u kuntratt relattiv markat Dok.B ;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Marzu, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u disghin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm490.76) bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------